GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

PR260107 | 23.01.2025 | NONE

# STQARRIJA MILL-KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ

***Dikjarazzjoni mill-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej tal-Parlament ta' Malta***

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej, wara li segwa dak li seħħ ġewwa l-Iran fil-ġimgħat li għaddew, qiegħed jirrisolvi li jikkundanna bla ebda riserva l-oppressjoni u l-qtil ta' eluf ta' ċittadini Iranjani. Qiegħed ukoll jesprimi solidarjetà mal-poplu Iranjan, li għandu d-dritt li jkollu aspirazzjonijiet li jgħix fil-paċi, fid-demokrazija, fil-libertà u b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Il-Kumitat qiegħed juri wkoll it-tħassib tiegħu għal din is-sitwazzjoni li tista' twassal għal eskalazzjoni ta' tensjonijiet fir-reġjun.

3, Castille Place, Valletta VLT 2000. Malta
T +356 2200 1700 E press.releases@gov.mt